**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000053/2023**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura
**Marina Mesure** (The Left), **Stelios Kouloglou** (The Left), **Manu Pineda** (The Left), **Malin Björk** (The Left), **Anne-Sophie Pelletier** (The Left), **Nikolaj Villumsen** (The Left), **José Gusmão** (The Left), **Sira Rego** (The Left), **Marc Botenga** (The Left), **Helmut Scholz** (The Left), **Leila Chaibi** (The Left), **Emmanuel Maurel** (The Left), **Clare Daly** (The Left), **Marisa Matias** (The Left), **Younous Omarjee** (The Left), **Giorgos Georgiou** (The Left), **Idoia Villanueva Ruiz** (The Left), **Niyazi Kizilyürek** (The Left), **Cornelia Ernst** (The Left), **Manon Aubry** (The Left), **Elena Kountoura** (The Left), **Martin Schirdewan** (The Left), **Kateřina Konečná** (The Left), **Dimitrios Papadimoulis** (The Left), **Konstantinos Arvanitis** (The Left), **Eugenia Rodríguez Palop** (The Left), **Katarína Roth Neveďalová** (NI), **Nora Mebarek** (S&D), **Mounir Satouri** (Verts/ALE), **Marianne Vind** (S&D), **Tudor Ciuhodaru** (S&D), **Kim Van Sparrentak** (Verts/ALE), **Agnes Jongerius** (S&D), **Aurore Lalucq** (S&D), **Marie Toussaint** (Verts/ALE), **Klemen Grošelj** (Renew), **Petros Kokkalis** (The Left), **Ivan Vilibor Sinčić** (NI), **Pierre Larrouturou** (S&D), **Damien Carême** (Verts/ALE), **Chris MacManus** (The Left)

Suġġett: Nagħmlu li d-dritt għal ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa u sikur isir realtà

Fl-10 ta’ Ġunju 2022, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol għamlet l-aċċess għal ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa u sikur dritt fundamentali. Iżda l-għadd ta’ mwiet fuq il-post tax-xogħol qed ikompli jiżdied. Kuljum, mill-inqas disa’ Ewropej jitilfu ħajjithom, skont ċifri tal-2020 (3 355 mewta fl-Ewropa). F’xi Stati Membri, imwiet relatati max-xogħol qegħdin saħansitra jiżdiedu. Wara kull waħda minn dawn it-traġedji, li jaffettwaw l-aktar ħaddiema żgħażagħ, il-ħajjiet tal-familji u l-maħbubin jinqalbu ta’ taħt fuq. Din l-inġustizzja hija aggravata mill-fatt li kull mewt relatata max-xogħol hija waħda li tista’ tiġi evitata. Ma hemm xejn inevitabbli dwar dan il-fenomenu.

1. Lil hinn mir-rakkomandazzjonijiet li għamlet lill-Istati Membri, x’azzjoni ulterjuri biħsiebha tieħu l-Kummissjoni biex tiżgura l-effettività tad-dritt fundamentali għal ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa u sikur u tilħaq l-objettiv tagħha li ma jkun hemm ebda mewta fuq il-post tax-xogħol sal-2030?

2. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra riforma tad-Direttiva 89/391/KEE biex iżżid il-livell tar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u tad-Direttiva 89/654/KEE biex tiżgura postijiet tax-xogħol itjeb għas-saħħa u aktar sikuri?

3. Kull sena, 23 % tal-Ewropej jiġu mġiegħla jaħdmu fi sħana estrema mill-inqas kwart tal-ħin tax-xogħol. Madankollu, ’il fuq minn 30 °C, ir-riskju li jseħħ aċċident fuq il-post tax-xogħol jiżdied minn 5 % għal 7 %, u ’l fuq minn 38 °C, dan jiżdied minn 10 % għal 15 %. Il-Kummissjoni biħsiebha ssarraf ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri fi standards vinkolanti f’dan il-qasam, b’mod partikolari billi tistabbilixxi temperatura massima għall-ħin tax-xogħol?

Imressqa: 6.11.2023

Skadenza: 7.2.2024